PARLAMENT EWROPEW

*2004* *2009*

20.10.2008 0090/2008

# DIKJARAZZJONI BIL-MIKTUB

imressqa skond l-Artikolu 116 tar-Regoli ta' Proċedura

minn Richard Howitt, Caroline Lucas, Patrick Gaubert, Helmuth Markov u Renate Weber

dwar il-Kolumbja u l-preferenza kummerċjali GSP plus

Data ta' skadenza: 5.2.2009

**0090/2008**

**Dikjarazzjoni bil-miktub dwar il-Kolumbja u l-preferenza kummerċjali GSP plus**

*Il-Parlament Ewropew,*

– wara li kkunsidra l-Artikolu 116 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi l-gvern tal-Kolumbja ngħata l-istatus GSP plus b'effett minn Jannar 2006, li jirrikjedi l-"implimentazzjoni effettiva" ta' numru ta' konvenzjonijiet ewlenin dwar ix-xogħol u d-drittijiet tal-bniedem,

B. billi rapporti riċenti mill-Iskola tat-Trejdjunjins Nazzjonali tal-Kolumbja, il-Kummissjoni Kolumbjana tal-Ġuristi, id-Dipartiment tal-Istat Amerikan (u numru kbir ta' organizzazzjonijiet mhux governattivi) juru li l-gvern ma kienx effettiv fl-implimentazzjoni ta' dawn il-konvenzjonijiet,

C. billi fl-2008 l-Kumitat tal-Esperti tal-ILO dwar l-Applikazzjoni tal-Konvenzjonijiet u r-Rakkomandazzjonijiet wera d-dubji tiegħu dwar rapporti ta' prattiki kontra t-trejdjunjins,

D. billi fl-2008 l-Kumitat tal-ILO dwar l-Applikazzjoni tal-Istandards wera d-dubji tiegħu f'rapport bil-miktub dwar rapporti ta' prattiki kontra t-trejdjunjins,

1. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Kunsill biex jużaw il-proċess ta' tiġdid għar-Regolament 732/2008 (l-applikazzjoni ta' skema ta' preferenzi ġeneralizzati ta' tariffa):

    a. biex jevalwaw b'mod sħiħ (u jinfurmaw lill-Parlament bl-evalwazzjoni tagħhom) is-sottomissjonijiet magħmula minn numru ta' trejdjunjins u organizzazzjonijiet mhux governattivi Kolumbjani (inkluża l-ILO) li jagħtu d-dettalji dwar dawn ir-rapporti ta' ksur tal-liġi tax-xogħol u d-drittijiet tal-bniedem,

    b. biex jagħmlu investigazzjoni dwar il-falliment irrapurtat tal-gvern biex "jimplimenta b'mod effettiv" il-konvenzjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem u x-xogħol imniżżla fl-anness tar-Regolament,

    c. biex jgħaddu r-rapport GSP plus dwar il-pajjiżi benefiċjarji lill-Kumitat tal-Kummerċ in camera qabel il-15 ta' Diċembru 2008;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-dikjarazzjoni, flimkien mal-ismijiet tal-firmatarji, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri.